LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

MARZU 1934] IR-RABA' SENA [Għadd 37

# BIR-RIĦ FIL-QALA'

Nifirħu tassew naraw li, kull ma jmur, il-lsien Malti qed igħaddi dejjem il-quddiem. Il-biżgħa li aħna ser insiru Affrikani qed jinqata' ġmielu, kif ukoll it-tħewdin li, x'waħda din !, se mmorru mijiet ta' snin lura fil-ħajja, għax il-Maltin bdew jistudjaw il-Malti sewwa sew kif l-Ingliżi jistudjaw l-Ingliż u t-Taljani it-Taljan. Bil-ftit il-ftit qed nidraw, u d-dehxa li xi wħud ħadu meta l-Malti stejqer qed tgħaddi wkoll. Jekk Alla jrid, f'Malta se jkollna tibdila għall-ġid, kollox bis-sliem u bla tqabid. Għax aħna l-Maltin nies ġwejda u meta naraw li ħaġa ġġib il-ġid min-naħa jew oħra, aħna ma nqisux iżjed it-tfesfis ta' min jaqbillu jigdeb u jsaħħan l-irjus. Malta magħna b'qalbha u b'ruħha. Għax il-bniedem għajru b'kollox barra b'dak li jmiss lil Artu. U forsi ma hux biċċa minn Artna l-ilsien ta' misserijietna li bih nitħadtu kuljum ġod-dar u barra mid-dar ! Sewwa jgħidu li d-demm ma jsir qatt semm.

Issa li l-Malti ħa n-nifs, nixtiequ u nitolbu li għal dak li hu tagħlim tiegħu fil-classijiet għoljin, bħalma huma l-klassijiet tal-Liceo li jħejju għall-eżamijiet tal-Gvern, aħna ma nibqgħux kuntenti bit-tagħrif dwar ir-reguli ta' l-ortografija biss. Jeħtieġ ingħollu l-istàndard u l-ġieħ ta'lsienna, l-ewwel nett billi l-Malti fl-eżamijiet ikun suġġett obbligatorju u mhux iżjed bil-għażla qisu xi ċerċur għaż-żejjed u n-nieqes, inbagħad, billi fil-klassijiet tal-Liceo ndaħħlu Antoloġija ta' l-aħjar kittieba tagħna mibnija *fuq prinċipiji estetiċi*, l-kitba ta' komponimenti, taħriġ fil-parafrasi u ħwejjeġ oħra li jgħinu mhux ftit biex l-ilsien Malti jkun studjat bis-

serjetà li tixraqlu. Il-quddiem nuru kif dan għandu jgħin ħafna liż-żgħażagħ biex jitgħallmu jfissru ħsebijiethom billi jagħtihom ħeffa fil-kitba u reqqa fit-tlaqqigħ tal-idejjiet, u wkoll iġagħalhom igħożżu l-aħjar xogħolijiet tal-Malti. *Ines Farruġ* ta' A. E. Caruana, u *Nazju Ellul* ta' Ġużè Muscat Azzopardi huma żewġ rumanzi tajbin ħafna li jmisshom ikunu testi ta' qari fil-klassijiet tal-Malti għoljin. Il quddiem nitħaddtu fuq dan aktar fit-tul.

Il-Professur Dun P. P. Saydon mħabba li ma jħossux fiha bħal issa kellu jitlaq fuq qalbu t-tmexxija ta' *Leħen il-Malti* għal xi żmien. Nitamaw b'qalbna kollha li ma ndumux ma narawh magħna, għax neħtiġu tabilħaqq il-ħila u l-ħidma tiegħu bħall-ħobż. Il-għaqda tagħna l-istudenti taflu ħajjitha kollha.

Ġieħ lil min ħaqqu !

**ĠUŻÈ AQUILINA**